**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 31 TA' JANNAR, 2002**

**Numru:**

**Avviz Nru: 1617/01 AE**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Jason Mamo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlettax-il lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm113.21), hlas dovuti ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 097 1354.

Ra li l-konvenut, ghalkemm notifikat, ma kkontestax il-kawza u lanqas ma deher fis-seduti tal-25 ta’ Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Beppe Fenech Adami jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tlettax-il lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm113.21), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba.

L-ispejjez (ghat-tenur ta’ l-Aritkolu 13 tal-Kap. 380) huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**